MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 112/2000/1

Mario Pisani .

vs

Steel Structures Company Limited .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-attur fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta wettaq xogħol ta'
Kostruzzjoni fl-Arkadia Shopping Complex Victoria, Għawdex.

Illi l-valur tax-xogħol globali kien jammonta għas-somma ta' ħamest elef disa' mija u erbgħa liri maltin u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm5904.97) eskluża l-VAT .

Illi għax-xogħol minnu mwettaq l-attur tħallas is-somma ta' erbat elef u ħames mitt lira Maltija (Lm4500) u għalhekk fadallu jieħu minn għand is-soċjeta' konvenuta s-somma ta' elf erba' mija u erba' liri maltin u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm1404.97) oltre l-VAT ammontanti għal tmien mija u ħamsa u tmenin lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm885.60) .

Illi s-soċjeta' konvenuta għalkemm interpellata diversi drabi sabiex tissalda dan il-kreditu baqgħet inadempjenti .
Illi fil-fehma ta' l-attur dan id-debitu huwa wieħed ċert likwidu u dovut u s-soċjeta' konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet xi tqanqal u għalhekk din l-Onorabbli Qorti tista' tipproċedi għas-sentenza ai termini ta' l-artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kodiċi ta' l-Organizazzjoni u Proċedura Civili bid-dispensa tas-smiegħ .

Talab lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini ta' l-Artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta .

2. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi fil-konfront ta' l-attur fl-ammont tas-somma ta' elf erba' mija u erba' liri maltin u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm1404.97) flimkien mal-VAT fuq il-kont globali kif fuq spjegat .

3. Tikkundanna lill-istess soċjeta' konvenuta biex tħallas dawn l-ammonti lill-attur kif fuq dovuti, għal dawk ir-raġunijiet hemm spjegati .

4. Tikkundanna lill-istess soċjeta' konvenuta sabiex thallsu wkoll l-imgħaxijiet dovuti sad-data tal-ħlas effettiv .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali spedita fi Frar 2000. Bl-inġunzjoni tas-soċjeta konvenuta minn issa għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta li eċċepiet:

1. Illi l-prezz tax-xogħol esegwit mill-attur anke jekk wieħed kellu jaċċetta l-miżurazzjonijiet illi għamel l-istess attur, jammontaw għas-somma ta' erbat elef, seba' mija u ħdax-il lira maltija u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm4,711.57c) liema somma tħallset kollha mill-eċċipjenti u għalhekk hija m'għad fadlilha xejn x'tagħti lill-attur ;

2. Illi l-ftehim ġie pattwit meta ma kinitx viġenti l-liġi li timponi t-taxxa fuq il-valur miżjud ;

3. Illi fi kwalunkwe każ, l-attur aċċetta l-ħlas għas-saldu u għalhekk mhux intitolat jitlob iktar ;

4. Illi għaldaqstant it-talbiet attriċi huma għal kollox infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda ;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-attur għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta' konvenuta maħlufa minn Mark Cini .

Rat il-verbal tagħha ta' l-20 ta' Gunju 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti oħra ppreżentati .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din iċ-ċitazzjoni l-attur qed jitlob il-ħlas tal-bilanċ allegatament dovut in konnessjoni ma' kuntratt ta'

appalt illi huwa kien ħa mingħand is-soċjeta' konvenuta għal xogħol ta' bini fl-Arkadia Complex fir-Rabat, Għawdex . Din qed tikkontesta t-talba billi ssostni illi l-ammont dovut tħallas kollu. Il-kontensjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-kwistjoni dwar liema minn żewġ stejjem kellha tkun dik illi fuqha kellu jinħadem il-kont tax-xogħol imwettaq mill-attur . Fil-waqt illi l-attur jinsisti illi l-kont kellu jinħadem fuq l-istima mibgħuta lilu lis-soċjeta' konvenuta, li kienet l-unika waħda ffirmata minnu u kwindi aċċettata minnu,[1] is-soċjeta' konvenuta tikkontendi illi in segwitu għal dik l-istima, i ma ġietx aċċettata, kienu saru xi emendi fil-preżenza tal-perit Carmelo Busuttil, li wara ħafna trattattivi, l-partijiet finalment ftehmu fuqha[2] .

Ġara allura illi meta tlesta x-xogħol l-attur bagħat lis-soċjeta' konvenuta l-kont relattiv, maħdum a bażi ta' l-istima oriġinali mogħtiha minnu lill-istess soċjeta' konvenuta, liema kont kien ilaħħaq total ta' Lm5904.97), li huwa l-ammont indikat minnu fiċ-ċitazzjoni bħala l-ammont dovut għax-xogħol kollu minnu mwettaq[3] . Imma s-soċjeta' konvenuta baqgħet tinsisti fuq il-kont kif emendat, u ħadmet l-ammont dovut a bażi tat-tieni kont, biex b'hekk ġabet it-total għal LM4711.57, li minnu hemm qbil bejn il-kontendenti illi kien tħallas akkont Lm4500,[4] u għalhekk skond it-teżi tagħha kien baqgħalha tħallas biss is-somma ta' Lm211.57, li hija ssaldat permezz ta' *cheque* li bagħtet lill-attur[5] .

Fin-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi, l-kontendenti jagħmlu ħafna enfasi fuq il-massima "***contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non aufertur***" u l-ġurisprudenza relattiva tal-qrati tagħna . Imma fil-każ in eżami, għandna żewġ dokumenti, waħda fl-oriġinal, iffirmata biss mill-attur, u l-oħra li hija l-istess dokument, imma kif emendat mill-perit Carmelo Busuttil, u li ma ġie ffirmat mill-ebda naħa[6] . Fin-nuqqas għalhekk ta' dokument iffirmat miż-żewġ naħat li jirregola fid-dettalji

[1] Dok. B2 a fol 65 tal-proċess (mingħajr iż-żidied bil-linka blu)
[2] ibid, (biż-żidied bil-linka blu fuqha) .
[3] Dok. MP 2 a fol. 39 - 41 tal-process
[4] ara tielet premessa fiċ-ċitazzjoni .
[5] Dok. MP 3 a fol 42 .
[6] ara original ta' dan id-dokument a fol. 60 tal-proċess .

kollha l-appalt illi kien ġie mogħti mis-soċjeta' konvenuta lil-attur, irid jiġi deċiż liema miż-żewġ stejjem illi fuqhom qed jibbażaw ruħhom il-partijiet rispettivament, hija dik illi kienet torbot liż-żewg naħat, u li allura fuqha kellu jinħadem il-kont relattiv .

Hemm qbil bejn il-kontendenti illi l-alterazzjonijiet bil-linka blu fuq li stima oriġinali, kienu saru mill-perit Carmelo Busuttil meta kienu ltaqgħu ma' l-attur rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta flimkien ma' l-istess perit, li kien il-perit tagħhom, f'villa ta' terzi fejn dakinhar kien qed jaħdem l-attur . Mark Cini in rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta xehed, u fuq dan ġie kkorroborat mill-perit Busuttil stess, illi f'dik l-okkazzjoni l-partijiet kienu ltaqgħu sabiex jiffissaw ir-rati definittivi li bihom kellu jitħallas l-attur . Huma mxew fuq l-istima li kien ippreżentalhom oriġinarjament l-attur stess, u wara trattattivi u kontroproposti, qablu fuq ir-rati illi ġew indikati mill-perit Busuttil bil-linka blu fil-marġini tan-naħa tal-lemin ta' dik li stima . Infatti jgħid illi l-kontroproposti tagħhom ġew imniżżla bil-linka blu ukoll taħt il-figuri li kien iċċita l-attur għax-xogħol partikolari, u mbagħad il-perit Busuttil niżżel fil-marġini il-prezz illi finalment ikunu qablu fuqu .

L-attur pero' baqa' jsostni illi huwa qatt ma qabel mal-prezzijiet kif emendati mill-perit Busuttil . L-istess perit meta ġie mistoqsi in kontro-eżami mil-legali ta' l-attur jekk jistax jgħid b'mod definittiv li l-attur kien aċċetta l-prezzijiet kif imniżżla minnu f'dan il-marġini, wieġeb *: "Daka ma nistax inżommu li ma jaċċettahomx".*[7] Madankollu huwa rrefera għal dak illi kien kiteb bħala intestatura fuq l-istess skrittura fis-sens illi l-partijiet kienu finalment qablu fuq dawn ir-rati kif emendati . Infatti din l-intestatura taqra : "*Qbil ta' rati, xogħol tal-bini, Triq ir-Repubblika, Għawdex fuq Arkadia Complex . Ħlas isir minn Steel Structures lil Mario Pisani 44558G*." [8] Il-perit Busuttil ta' wkoll spjegazzjoni dettaljata ta' kif wasal għall-figuri indikati bil-linka blu fil-marġini ta' l-istima, u kif fuq l-istess skrittura kien immarka b'sinjal ta' *very good* fejn kien hemm qbil

---

[7] ara depożizzjoni tal-perit Busuttil a fol 72 tal-process .
[8] Dok. SS1 a fol. 60 tal-process .

rigward ir-rati u b'salib fejn ma kienx hemm qbil, bil-kontro-proposti indikati taħt il-prezz indikat mill-attur, u l-prezz finali indikat fil-marġini[9] .

Il-Qorti issibha wkoll diffiċli temmen lill-attur li jsostni li d-diretturi tas-soċjeta' konvenuta aċċettaw mill-ewwel li joqgħodu fuq l-istima li kien bagħtilhom, mingħajr ma jagħmlu l-kontro-proposti tagħhom fi sforz li jippruvaw jiffrankaw xi ftit, ħaġa li hija normali li ssir fil-kummerc . Kieku tassew dan kien il-każ, lanqas kien ikun hemm il-ħtieġa li l-partijiet jerġgħu jiltaqgħu biex jirrevedu r-rati, kif fil-fatt huwa aċċettat minn kulħadd illi ġara .

F'tali ċirkostanzi hija l-fehma tagħha illi hija aktar verosimili t-teżi tas-soċjeta' konvenuta li r-rati li kellhom japplikaw għal dan l-appalt, kienu dawk kif emendati fl-okkażżjoni li r-rappreżentanti tagħha kienu ltaqgħu ma' l-attur flimkien mal-perit Busuttil .  M'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-kont kif inħadem mis-soċjeta' konvenuta a bażi ta' dawn ir-rati kif emendati, u konsegwentement għandu jittieħed bħala korrett . Allura jiġi illi skond ma hemm indikat fuq dan l-istess kont,[10] is-soċjeta' konvenuta kienet issaldat id-debitu kollu li kellha ma' l-attur, b'tali mod li ma baqa' ebda bilanċ x'jitħallas . Naturalment jekk iċ-*cheque* ta' Lm211.57 verament baqa' ma ssarrafx mill-attur, u allura ċertament illi sa llum laħaq skada, huwa jkun intitolat illi jitlob li jinħariġlu ieħor għall-istess ammont mis-soċjeta' konvenuta .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] ara depożizzjoni tal-perit Busuttil a fol. 67 - 73 tal-process .
[10] Dokti C1 u C2 a fol. 27-28 tal-proċess .